# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 24 ta' April, 2002.**

**Kawza Numru: 4**

**Citaz. Nru. 358/02 GV**

**Dragonara Resort Limited**

**vs**

**Incoming Travel Bureau Limited**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socejeta' attrici premettiet illi hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' hames elef sitt mija u erbgha u hamsin lira u tmintax il-centezmu (Lm5,654.18,0) rappresentanti prezz ta' servizzi ta' arlogg u ikel moghtija mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta;

Premess illi din is-somma hija dovuta (a) kwantu ghal Lm81.86,0 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura datata 14 ta' Settembru, 1998, (b) kwantu ghal Lm313.31,0 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura datata 12 ta' Novembru 1998, (c) kwantu ghal Lm40.00,0 skond fattura datata 25 ta' Awissu 1999, (d) kwantu ghal Lm70.01,0 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura datata 25 ta' Ottubru, 1999, (e) kwantu ghal Lm70.00,0 skond fattura datata 5 ta' Jannar 2000, (f) kwantu ghal Lm100.00,0 skond fattura ohra datata 5 ta' Jannar, 2000, (g) kwantu ghal Lm40.00,0 skond fattura datata 11 ta' Frar, 2000, (h) kwantu ghal

Lm50.00,0 skond fattura ohra datata 28 ta' Frar 2000, (i) kwantu ghal Lm45.00,0 skond fattura ohra datata 28 ta' Frar, 2000, (j) kwantu ghal Lm50.00,0 skond fattura datata 25 ta' April, 2000, (k) kwantu ghal Lm452.00,0 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura datata 16 ta' Awissu, 2000, (l) kwantu ghal Lm500.00,0 skond fattura ohra datata 16 ta' Awissu, 2000, (m) kwantu ghal Lm483.00,0 skond fattura datata 21 ta' Awissu, 2000, (n) kwantu ghal LM483.00,0 skond fattura datata 21 ta' Awissu, 2000, (o) kwantu ghal Lm875.00,0 skond fattura datata 21 ta' Awissu, 2000, (p) kwantu ghal Lm483.00,0 skond fattura datata 23 ta' Awissu, 2000, (q) kwantu ghal Lm1,449.00,0 skond fattura datata 5 ta' Settembru, 2000, u (r) kwantu ghal Lm69.00,0 skond fattura ohra datata 5 ta' Settembru, 2000 u dan kollu skond dsatax il-fattura li kopji taghhom huma hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti bl-ittri minn "A" sa "R" rispettivament, u sommarjament indikati fuq prospett hawn anness u mmarkat bhala dokument bl-ittra "S";

Premess illi ghalkemm debitament interpellata sabiex thallas dan l-ammont, ukoll permezz ta' ittra bonarja datata ghaxra (10) ta' Ottubru, 2000 u ittri ufficjali datati tlettax (13) ta' Ottubru, 2000 u wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru, 2001 (kopji hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti bl-ittri "T"' "U" u "V"), is-socjeta' konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti;

Premess illi l-ammont dovut huwa cert, likwidu u dovut;

Ghaldaqstant is-socjeta' talbet lil din il-Qorti biex:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' hamest elef sitt mija u erbgha u hamsin lira u tmintax il-centezmu (Lm5,654.18,0);
2. Tiddeciedi skond it-talba, bid-dispensa ta' s-smiegh ta' l-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja datata ghaxra (10) ta' Ottubru, 2000, ta' l-ittri ufficjali datati tlettax (13) ta' Ottubru, 2000 u wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru, 2001, u ta' l-mandati kawtelatorji ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment, flimkien ma l-imghaxijiet, mid-dati ta' l-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi –citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Roberta Spiteri Staines;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**